A.L. 48 ta' l-1982

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR
(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestitia fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-14 ta' Settembru, 1982.

Deskrizzjoni ta' proprjeà speifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Id-djar li ġejjin f'Birkirkara:

(i) *Flat* numru 1, Blokk C2, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara;

(ii) Id-dar numru 1, *Row* 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara.

(b) Id-dar numru 91, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħad-Dingli.

(ċ) Id-dar numru 7, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Għaxaq.

(d) Id-dar numru 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Gudja.

(e) Id-dar numru 7, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Blat, Ħal Qormi.

(f) Id-dar numru 18, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Qrendi.

(ġ) Id-dar numru 10, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Old Slaughter House Area, ir-Rabat, Malta.

(ħ) Id-dar numru 10, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Safi.

(i) *Flat* numru 1, Bieb A, Blokk R, Triq Cineraria, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia.

(j) Id-djar li ġejjin f'San Ġwann:

(i) Id-dar numru 9, Vjal Medlar, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann;

(ii) Id-dar numru 2, Blokk O, Triq Pomegranate, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann;

(iii) *Flat* numru 3, Bieb A, Blokk 14, Triq Ste̊anotis, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann;

(iv) *Flat* numru 3, Bieb A, Blokk I, Triq Eucalyptus, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann.

(v) Id-dar numru 5, Triq Mulberry, San Ġwann.

(k) *Flat* numru 5, Bieb Numru 2, Blokk 5, Triq Ħal Luqa, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Tarxien.

(l) Id-djar li ġejjin f'Ta' Xbiex:

(i) Id-dar numru 60, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex;

(ii) *Flat* numru 2, Blokk D4, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(m) *Flat* numru 4, Blokk A, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħaż-Żabbar.

(n) Id-dar numru 66, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żejtun.